# L-EFFETTI TAL-GRAZZJA T'ALLA



Wara li Gesu' tela' s-sema l-appostli ghazlu lil Mattija flok Guda li ttradixxa lil Kristu.

Guda ta' bis-sieq il-grazzja li qieghdlu quddiemu Gesu'. Hwejjeg ohra kienu qed ifixkluh. Ma gharafx jaghzel is-shih mir-rih. Minkejja li Alla kemm-il darba habbatlu fuq il-bieb ta' qalbu biex jara l-frugha ta' hsibijietu u ghemilu, Guda baqa' qalbu maghluqa, Guda webbes rasu u ma' rieds jisma'. Alla ta l-grazzja lil haddiehor li kien jaf jhaddimha ahjar.

Il-qaddej tal-parabolla kellu hames talenti u iehor kellu wiehed. Dan ta l-ahhar heba' it-talent u ma haddmux. Meta gie sidhom talabhom kont tax-xoghol taghhom. Ta' l-ewwel qala' hames ohra ma' dak li kellu. Ta' l-ahhar ma qala xejn ghax tghazzen. Inkorla s-sid u hadlu t-talent u tah lil dak li kellu hamsa, haddimhom u qala' hamsa ohra.

Hekk jimxi Alla ma' min iwebbes rasu u jwarrab l-ghajnuna tieghu. Jaghtiha lil dak li jaghraf juzaha ahjar. Ebda grazzja ma tintilef. Meta nhaddmu l-grazzja li nircievu minghand Alla, insiru xiehda effetivi ta' Kristu u minna narmu l-imhabba lejn Alla.

Tajjeb ingibu quddiem ghajnejna li l-grazzja t'Alla taghmilna nixbhu :

- lil Marija Maddalena li habbet hafna lil Gesu hekk kif hi kienet wieqfa taht is-salib ta' Kristu flimkien ma Omm Gesu' u Gwanni l-appostlu. (GV 19:25)
- In-nisa li marru lejn il-qbar ta' Kristu bit-tama li juru l-qima taghhom lejh. (Mt 28:9),
- Pietru li nidem wara cahad lil Kristu (Lq 22:62)
- Lil appostli li Kristu nefah fuqhom u qallhom: Ircievu l-Ispirtu Santu (GV 20:22)
- Lid-dixxipli ta' Emmaus li hassewhom infjammati bl-imhabba lejn Kristu meta dan kien qed ikellimhom. (Lq 24:32).